*Parro``a Qalb Bla Tebg]a*

*Ta' Marija*

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - Settembru 2010 - NRU. 336**

# BURMARRAD

Il-Mulej jagħtikom il-paċi.

Għeżież kemm hija sabiħa l-ħajja, meta' tagħraf verament tgħixa bil-mumenti sbieħ kif ukoll koroh li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Huwa tajjeb li insibu ħin fejn nirriflettu fuqna infusna speċjalment f'dan iż-żmien tas-sajf fejn kulħadd isib perjodu ta' mistrieħ fejn joqgħod ftit għal kwiet, u dan huwa tajjeb, kemm għar-ruħ kif ukoll għall-ġisem.

Ġesu' innifsu li kien Alla fin-natura tiegħu ta' bniedem ukoll ħass il-bżonn li jistrieħ, u kien issib mumenti fejn jistrieħ u jingħaqad fit-talb, biex hekk ikun jista jintela' spiritwalment biex ikun jista' jagħti it-tajjeb tiegħu lil dawk li jeħtieguh.

Ix-xahar ta' Settembru fil-Parroċċa tagħna iġġib miegħu attivitajiet differenti speċjalment il-Maratona li daħlet propju fil-Kalendarju tagħna. Huwa żmien sabiħ għaliex b'modi differenti niltaqgħu iżjed flimkien. Din is-sena il-Maratona sejra issir bejn id-9 u 12 ta' settembru, fejn bħas-soltu sejrin nibdew b'attivitajiet għat tfal, addoloxxenti u żgħazagħ. Tajjeb li mhux inħajruhom jieħdu sehem imma ninkoraġġuhom għaliex huwa ħafna importanti għal-isvilupp tagħhom, ukoll ikunu qegħdin jagħtu soddisfazzjon lilhom infushom.

Kif diġa għidtilkom din is-sena il-Maratona ser inkunu qegħdin niġbru b'risq iċ-Ċentru, qegħdin fi stadju avvanzat ħafna, wasalna biex nibdew inpoġġu l-madum. Dan iċ-Ċentru li ilkom tisimgħu għal żmien twil fuqu għal grazzja ta' Alla tkompla u se jkun lest żgur għalhekk hemm bżonn l-għajnuna tagħkom ukoll, fuq kollox dan huwa ċentru li

Avveniment ieħor fil-Parroċċa hija l-istatwa tal-faċċata, **Marija Omm il-Maltin**, bdejna kampanja ta' ġbir u nista' ngħid li l-ġenerosita' hija kbira
imma għad jonqos għalhekk inħeġġeġ għal-iżjed għajnuna. Tajjeb li tkunu tafu li l-Madonna lesta u qiegħda tinżamm ġewwa garaxx fir-raħal tagħna, grazzi ħafna ta' l-għajnuna li parruċjani jagħtu f'dan il-kaz kif tlabna garaxx biex inpoġġu l-istatwa kien hemm l-Iva mill-ewwel. Issa jonqos li tkomplu tgħinuna fil-ġbir tal-flus biex tintlaħaq s-somma biex din titħallas u nkunu nistgħu ngħidu għandna opra oħra lesta' fil-Parroċċa.. Il-Parroċċa hija tagħkom il-Parruċjani tgħix u tibqa' wieqfa permezz tagħkom, permezz ta' l-għajnuna tagħkom. Il-qalb kbira tan-nies u l-parruċjani ta' Burmarrad hija ħafna kbira. Qegħdin nippreparaw il-Jum meta il-Madonna sejra terġa tkun f'postha mal-faċċata tal-Knisja. Inħabbru d-data iżjed tard.
Ġrazzi ħafna mil-qalb ta' kull għajnuna li intom tagħtu żgħira kemm hija żgħira imma dejjem hija ta' ġid għall-parroċċa tagħna.

Tkunu imberkin

P. Donald. M. Bellizzi<br>Kappillan

# Rokna għat-Tfal - Settembru 2010

Ħellow tfal,

Kif intom? Nispera li qed tieħdu gost fil-vaganzi tas-Sajf u qed tistrieħu. Kif tafu issa fadlilkom madwar xahar u terġgħu tibdew tmorru l-iskola. Kulħadd jerġa' jibda bir-rutina. Terġgħu tibdew kuljum tiltaqgħu mal-ħbieb u jibda jkollkom x'tiktbu u tistudjaw. Għall-bidu kollox ikun jidher diffiċli imma tibdew tħossuhom hekk sakemm terġgħu tibdew. Tfal, huwa importanti ħafna li ma taqtgħux qalbkom u ma tiskuraġġux lilkom infuskom forsi anke' minn xi kummenti li tisimgħu. F'qalbek dejjem għid, ''Jien ser jirnexxili!''

Ħa nirrakkuntalkom storja qasira li lili toġgħobni ħafna. Darba kien hemm klikka ħbieb ta' bebbux li ftehmu biex jagħmlu tellieqa. Iddeċidew jaraw min minnhom kien ser jirnexxilu jitla' torri għoli ħafna. Jirbaħ min jirnexxilu jitla' sa fuq nett. Il-ġurnata waslet u kulħadd kien eċitat. Fit-triq kien hemm ħafna ħbieb tal-bebbux. Kollha kienu ferħanin u entużjasti biex jaraw min kien ser jirnexxilu jitla' dak it-torri għoli ħafna. Instemgħet is-suffara u t-tellieqa bdiet. Il-

bebbux beda tiela’, tiela’ u l-kummenti tal-ħbieb bdew jinstemgħu wkoll. Kienu ħafna li wara ftit ħin qatgħu qalbhom u waqfu jtellqu. Il-kummenti li bdew jinstemgħu kienu, ‘‘Dak it-torri għoli wisq, setgħu għażlu torri aktar baxx... Ħadd mhu ser jirnexxilu... Ħadd mhu b’saħħtu daqshekk biex jitla’ s’hemm fuq... Żgur ħadd mhu ser jirbaħ...’’ Wara xi siegħa deher bebbuxu tiela’ ’l fuq u l-għajjat donnu aktar żdied! Tfal, kulħadd kien eċitat biex jara jekk dan il-bebbuxu kienx ser ikun ir-rebbieħ. Hu baqa’ tiela’ bil-mod b’nifsu maqtugħ u fl-aħħar.....

Tafu x’ġara tfal? Fl-aħħar dan il-bebbuxu rnexxielu jasal sal-quċċata! Tgħidx kemm ċapċpulu sħabu u hu kien ferħan li kien ir-rebbieħ ta’ din it-tellieqa. Meta staqsewh kif kien irnexxilu jitla’ sal-quċċata, indunaw li dan il-bebbuxu kien trux. B’hekk ma semax il-kummenti li bdew jagħmlu sħabu. Kieku x’aktarx kien jagħmel bħall-bebbux l-ieħor: jieqaf mit-tellieqa għax jaqta’ qalbu.

Tfal, minn din l-istorja nitgħallmu biex ikollna fiduċja fina nfusna u ma naqtgħux qalbna. Anke’ jekk aħna jkollna xi ħbieb li jkunu qed jaqtgħu qalbhom minn xi ħaġa, tkun ħaġa sabiħa jekk aħna stess nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Niftakru wkoll biex nitolbu lill-Mulej xi talba żgħira biex jgħinna f’dak kollu li nagħmlu u jimlilna bil-kuraġġ. Eżempju bħal din it-talba,

**‘‘Ġesu’ nitolbok tgħinni matul dan il-jum. Imla bil-kurraġġ lili u lill-sħabi tal-klassi u għinna f’dak kollu li nagħmlu.’’**



Mela. tfal ftakru li jekk tkunu f’xi sitwazzjoni fejn tkunu ser taqtgħu qalbkom għidu talba lill-Mulej u ftakru fl-istorja tal-bebbuxu. B’hekk tirnexxu żgur...

Niltaqgħu darb’oħra.

# FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

## B'dedikazzjoni għal Twanny Aquilina... u t-tfal kollha li huma vittmi ta' abbu\

Illum xtaqt li anke fil-fuljett tal-parroċċa tagħna niddedikaw ftit spazju sabiex infakkru lil Twanny Aquilina. Dan it-tifel ta' 8 snin ġie mfakkar minn xi gazzetti lokali wkoll minħabba li fit-23 t'Awwissu 2010 ħabat għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu. Dan it-tifel ġie maqtul f'daru fil-Belt Valletta minn ommu u r-raġel tagħha

Rapporti li dehru fil-gazzetti lokali jiddeskrivu lil Twanny bħala tifel kwiet fl-iskola u li dejjem kien jieħu l-homework lest u pulit. Persuna li kienet fil-klassi miegħu tgħid illi meta kien ikun mistoqsi xi ħaġa fil-klassi dejjem kien jirrispondi tajjeb. Ingħad ukoll illi dan it-tifel kien imur l-iskola bil-ħobż immuffat u l-għalliema kienet imbagħad tħeġġeġ lil sħabu sabiex jaqsmu l-ħobż tagħhom miegħu. Twanny kien jinżamm qisu skjav f'dar ommu – dejjem inaddaf u jaqdiha. Kien ukoll jissawwat u jinħaqar. Xi eżempji li ngħataw fix-xhieda li kien hemm fil-Qorti meta ommu tressqet mixlija bil-qtil tiegħu, kienu li Twanny kien jintrabat u mbagħad ir-raġel ta' ommu kien jaħarqu bis-sigaretti.

Dan l-abbuż aħrax baqa' għaddej sakemm Twanny inqatel – fil-fatt it-tifel miet wara li ssawwat b'mod vjolenti ħafna u wara qatgħulu rasu bis-sikkina tal-ħobż. Naħseb m'hemm l-ebda bżonn illi nenfasizza il-martirju illi minnu għadda dan it-tifel! Huwa ċar biżżejjed anki minn dan il-ftit li ktibt hawn fuq.

Li nixtieq nenfasizza iżda huwa l-fatt li kien hemm diversi persuni li setgħu jieħdu passi dwar is-sitwazzjoni tiegħu iżda dan ma seħħx. Fil-proċess tal-Qorti ħareġ illi kien hemm diversi ġirien illi kienu ntebħu illi Twanny kien qed jiġi abbużat. Anki dak-in nhar illi nqatel, il-ġirien kienu raw u semgħu l-għajjat ta' Twanny waqt li kien qed jiġi msawwat fil-komun tal-appartamenti fejn kienet toqgħod il-familja. Iżda ħadd m'għamel xejn! Kulħadd għalaq għajnejh – Rajt ma ratx u

smajt ma smajtx! U Twanny ġralu kif ġralu dak il-vittma li titħaddet dwaru il-Bibbja sakemm wasal is-Sammaritan it-Tajjeb – bid-differenza li għal Twanny ma tfaċċa l-ebda Sammaritan Tajjeb, kulħadd baxxa rasu u baqa' għaddej...f'dan il-pajjiż Kattoliku li jimxi wara Ġesu, f'Malta ta' 50 sena ilu li kienet aktar Kattolika milli hi llum!

U l-abbuż tat-tfal illum għadu jseħħ! Anki fis-sena 2010 tfal Maltin għadhom jiġu msawta u abbużati minn dawk li jkunu qrib tagħhom, ħafna drabi mill-ġenituri tagħhom stess.

U għad hawn ġirien illi jagħlqu għajnejhom, "għax dan l-inkwiet m'għandix x'nambih" jew "għax dak li jiġri wara l-bibien tad-dar huwa biċċa tal-familja", jew bl-iskuża li ma rridux nindaħlu. Iżda min jaf Twannie kemm xtaq dak inhar illi fil-fatt xi ħadd jiddeċiedi li jindaħal! Min jaf kemm xtaq li xi ħadd minn dawk in-nies li kienu jmorru l-quddies kuljum jiddeċiedi illi fil-fatt jagħmel dak li għamel is-Sammaritan it-Tajjeb fil-Bibbja!

Meta kont naħdem ta' social worker ma' tfal li kienu vittmi ta' abbuż kont nammira ħafna lil dawk il-persuni li kienu jaslu sabiex iċemplu u jinfurmawna dwar xi tfal li kienu jkunu jafu li għaddejjin minn abbuż - għalija dawn huma s-Sammaritani t-Tajba tal-lum – dawn il-persuni kienu jkunu lesti jkunu vuċi għal min m'għandux – kienu jkunu lesti joħorġu mill-bejta komda ta' darhom u jimpurtahom mill-proxxmu tagħhom; jista' jkun li kieku ma jkunux nies bħal dawn nisimgħu b'aktar każijiet traġiċi bħal dak ta' Twanny. U ma ngħidux li dak li ġara lil Twanny kien sforz il-miżerja u l-injoranza ta' 50 sena ilu. Illum ukoll pajjiżi bħall-Ingilterra u l-Amerka jkollhom tfal li jmutu vittmi ta' abbuż b'mod regolari, anki jekk dawn pajjiżi moderni.

Għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunita' sabiex inħeġġiġkom biex jekk tkunu tafu b'xi tfal li għaddejjin minn abbuż, iċċemplu fuq in-numru 179 u titkellmu ma' social worker dwar is-sitwazzjoni.

Tajjeb infakkru wkoll illi l-abbuż jista' jkun wieħed fiżiku (swat), sesswali, jew emozzjonali (meta t-tfal ikunu qed jiġu mgħajra kontinwament). Ir-rapport li jsir fuq in-numru 179 jista' wkoll ikun anonimu, sabiex jipproteġi lil min ikun qed jagħmlu.

Daniella Zerafa



# L-ANĠLI - ĦBIEB LI SIKWIT NINSEW

Dan ix-xahar, fid-29 ta' Settembru, il-Knisja Kattolika tfakkar lit-tlett Arkanġli Mikiel, Gabrijel u Rafel.

**San Mikiel** - L-isem Mikiel ifisser 'Min hu bħal Alla?' jew 'Min hu daqs Alla?'. Din l-għajta dwiet b'qawwa kbira hekk kif Luċifru, li wkoll kien Arkanġlu, safa mkeċċi mill-Ġenna hekk kif ried ikun hu ukoll bħal Alla. San Mikiel jipproteġina fil-ġisem, fl-emozzjonijiet u fil-moħħ, speċjalment meta jidħol fina ċertu biża' jew ħsibijiet żejda. Fl-1888 il-Papa Ljun XV111, wara li Alla ppermetta li hu jisma' taħdita bejn Alla u x-xitan, kiteb it-Talba ta' San Mikiel u ħeġġeġ lill-insara sabiex igħidulha. Anki l-Papa Ġwanni Pawlu 11 qal hekk fuq din it-talba: "Nitlob lil kulħadd ma jinsiex din it-talba u tgħiduha biex tiksbu l-għajnuna fil-battalja kontra l-qawwiet tad-dlamijiet". Lil San Mikiel nitolbuh ukoll jidħol għalina fis-siegħa tal-mewt tagħna.

## Talba ta' San Mikiel

*"San Mikiel Arkanġlu idħol għalina fit-taqbida. Kun int l-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju. Irażżnu Alla nitolbuk bil-ħerqa, u int l-aqwa fost il-qtajja tas-sema, itfa' bil-qawwa t'Alla fl-infern lix-xitan u lill-ispirti ħżiena li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta' l-erwieħ. Hekk ikun."*

**San Gabrijel** - L-isem Gabrijel ifisser 'Il-Qawwa t'Alla' jew 'Alla hu il-qawwa tiegħi'. Gabrijel huwa l-messaġġier bejn is-Sema u l-art. Huwa jidher l-ewwel fl-antik testment fil-Ktieb ta' Danjel fejn igħin lil Danjel jifhem il-viżjonijiet li kellu. Fl-Evanġelju ta' San Luqa, Gabrijel iħabbar it-twelid ta' Gwanni l-Battista lil Zakkarija bil-kliem sabiħ: "Tibżax Zakkarija, għax it-talb tiegħek instema". U lil Marija li tħawdet mat-tħabbira tiegħu hu jqawwilha qalbha: "Tibżax Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla". Lil San Gabrijel għandhom jitolbuh il-koppji li jixtiequ jibdew familja. Nitolbuh ukoll meta ma nkunux nafu x'deċizjoni se nieħdu. San Gabrijel igħin ukoll lil min irid jagħmel l-għażla tal-vokazzjoni, jew għandu bżonn jiskopri l-iskop ta' ħajtu.

**San Rafel** - L-isem Rafel ifisser 'Id-duwa t'Alla' jew 'Alla hu l-fejqan tiegħi'. San Rafel huwa Arkanġlu ieħor li jieqaf quddiem it-tron ta' Alla. Dan l Anġlu jissemma' fit-Ktieb ta' Tobit. Fl-istorja, Rafel jidħol igħin lil Tobit u jfejqu mill-għama tiegħu. Lit-tifel tiegħu Tobija jgħinu jieħu lil Sara b'martu billi jkeċċilha xitan li kien se joqtol lil Tobija, bħal ma qatel lill-irġiel kollha li kellha qabel. Tobija qal li bis-saħħa ta' Rafel reġa' ġie l-ferħ fil-familja tiegħu u ta' Sara. San Rafel huwa l-patrun ta' l-għomja, tan-nurses u t-tobba, u ta' min jivvjaġġa. Lil San Rafel nitolbuh għal fejqan fiżiku, fejqan mentali, u fejqan emozzjonali u spiritwali. San Rafel jidħol għalina wkoll biex infejqu l-ġrieħi tal-passat.

It-tlett Arkanġli qegħdin dejjem hemm, lesti biex igħinuna fil-mard, fin-niket u fil-problemi kollha tagħna. L-ebda problema m'hi diffiċli għalihom, u l-ebda problema m'hi żgħira wisq biex ma jagħtux kasha. Ma ninsewhomx lill-Anġli li huma ħbieb li jakkumpanjawna matul ħajjitna. U ma ninsewx ukoll lil Anġlu Kustodju, u t-talba sabiħa li tajjeb li ngħallmuha lil uliedna biex igħidu kuljum -

*"Anġlu t'Alla illi fit-tjubija tiegħu Alla tani biex tħarisni, dawwalli moħħi, ħarisni, żommni u mexxini f'dan il-jum. Hekk ikun."*



# Djarju Settembru

**Is-Sibt 4:** Fis-6.00pm **Adorazzjoni** b riparazzjoni għal offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija

**L-Erbgħa 8:** **Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija**

**Il-Ħamis 9:** **Sports day** għal tfal adoloxxenti u żgħażagħ. Fil-5.00pm quddiesa fil-bitħa u wara tibda s-sezzjoni tal-isports

**Il-Ġimgħa 10, is-Sibt 11:** Jiem ta' Maratona għal familja kollha,
**u l-Ħadd 12:** program issibuh fin-Notice Boards tal-knisja.

**It-Tlieta 14:** **Adorazzjoni tal-Ħniena Divina** fil knisja fis-6.30pm

**Il-Ġimgħa 17:** **Festa tal-Pjagi ta' Missierna San Franġisk**

**Is-Sibt 18:** **Festa ta' San Guzepp ta' Copertino** Patrun tal-Istudenti. Fid-9.00am ta' filgħodu quddiesa għat tfal fejn fil-quddiesa jiġu imbierka il-basktijiet tal-iskola. Wara jsiru xi attivitajiet għal tfal fil-bitha tal-kunvent. Inħeġġu lit-tfal iġibu l-basktijiet magħhom għal quddiesa

**Il-Ħadd 19:** Laqgħa tal-grupp familji insara fl-10.30am

**l-Erbgħa 29:** **Festa ta' San Mikiel Arkanġlu.** Fil- 5.30pm purċissjoni bl'istatwa ta' San Mikiel u ruzarju li tibda mil-isqaq li jagħti għal kappella ta' San Mikiel u mal wasla fejn il-kappella ssir hemmhekk il-quddiesa. Dak inhar ma ssirx quddiesa fil-parroċċa. Kulħadd huwa mistieden biex jieħu sehem f'dan il-pellegrinaġġ żgħir li ssir kull sena f'ġieħ San Mikiel

- Dawk it-tfal li din is-sena ser ikunu fl-Ewwel Sena tal-Primarja (Yr 1) jistgħu jitkbu lit-tfal tagħhom għad-dutrina fl-uffiċċju tal-Kappillan. Meħtieġ li ġġibu magħkom iċ-ċertifikat tal-Magħ mudija.
- Okkazjoni sabiħa għal parroċċca tagħna hija l-attivita' li sejra tittella' mill-Kunsill Lokali flimkien mal-parroċċa hija il-festa tal-Bdiewa Burmarrad. Din sejra tkun fl-1-2-3 ta' Ottubru.
- Filwaqt li fl 4 ta' Ottubru Festa ta' Missierna San Frangisk, av-veniment ieħor għal parroċċa hija l-okkazjoni tat-tberik tal-istatwa l-ġdida tal-faċċata u terġa titqiegħed fostna. Dan sejjer jsir minn Mons Arċisqof Emeritus Guseppi Mercieca. Dettalji iżjed il-quddiem.